## L-EWWEL IMRAR

*Fejn int sejjer, ħabib?*
*It-triq twila w imwiegħra! . . .*
*Kemm hu tqil is-salib*
*Ta' dil-ħajja bekk fiergħa!*

*Qalb żagħżugħa ħabbitek,*
*Fik il-hena ttamat,*
*U bi ħrara bisitek;*
*Fi tjubitek bi fdat.*

*La tistmerrx min iħobbok;*
*Għadek żgħir u bla deben . . .*
*Aħseb sew, jien nitolbok;*
*Isma' 'l min lilek għen.*

*Issa, minnhom, trid titlaq;*
*Żewġt iqlub minfudin; . .*
*Biex ftit ferħ inti tisraq*
*Waqt li huma mnikktin! . . .*

*Taf x'inhi, qalb ta' Omm*
*Li se tniffed u teqred? . . .*
*Qatt tpaxxejt b'dak il-fomm*
*Li minn ħajtek trid tifred? . . .*

*Għall-ġid tiegħek jien ħdimt . . .*
*W issa lili stmerrejt!*
*Aħjar kien li jien fhimt*
*F'lok li lilek ħabbejt! . . .*

*Żagħżugħ tari w bla ħjiena*
*La tkunx vittma tal-ħbieb! . . .*
*Lil min ħabbek bil-ħniena*
*La tagħlaqx f'wiċċu l-bieb! . . .*

25.iv.64

BR. VICTOR, F.S.C.

## IN-NUMRU 16

*M'għandiex aktar minn sbatax. Fl-aħjar tagħha*
*'Ma wiċċha sfajjar jixhed it-tbatija*
*Li fnietha, u fil-qabar ser titfagħha.*
*Imsejkna tfajla! Il-mard hu xortijha;*
*Minn jum għall-ieħor tistenna bis-sabar*
*Li tkun aħjar, tamietha fil-fejqan.*
*It-tobba jafu li minn hawn għall-qabar*
*Fejn hemm fil-kesħa tista' ssib is-serħan.*
*Sħabha t-tfajliet joħolmu bit-tgawdija,*
*Moħħhom fiċ-ċajt, insew li ż-żogħżija*
*Tbaqbaq bis-saħħa u b'imħabba qawwija,*
*Għandha l-mard tagħha, il-hemm u t-tbatija.*
*Hemm fis-sodda sittax qalbha maqsuma*
*Tara ż-żgħożija b'salibha maħkuma.*

J. CAMILLERI